**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**vs**

**Khaled Mohamed Zaglut**

**Illum 22 ta' Gunju 2021**

**Kumpilazzjoni numru: 471/2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Khaled Mohamed Zaglut**,** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 66710(L) billi huwa akkuzat talli fl-20 ta' Dicembru 2017 u matul ix-xhur u snin ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

Filwaqt li kien sehh zwieg legittimu bejnu u bejn Rodianne Galea, imwielda fl-1 ta' Novembru 1975, ghamel zwieg iehor ma' Randa Ali Ammar Elbehilil,

imwielda fit-12 ta' Lulju 1977 u dan bi ksur tal-Artikolu 196 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt is-seduta tat-12 ta' Frar 2021 il-Prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-kaz u b'hekk ghalqet il-provi taghha;

Rat illi, waqt is-seduta tad-9 ta' Marzu 2021, il-Qorti kkoncediet zmien lill-partijiet sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub dwar dan il-kaz fejn ghandhom jittrattawh kemm min-naha ta' difiza u kif ukoll min-naha ta' parte civile;

Rat illi l-Prosekuzzjoni pprezentat s-sottomissjonijiet taghha bil-miktub fis-7 ta' April 2021;

Rat fil-5 ta' Mejju 2021 id-difiza pprezentat s-sottomissjonijiet taghha bil-miktub;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**Il-fatti tal-kaz**

Dan il-kaz gie investigat wara li l-pulizija mill-ghassa tal-Belt ircevew korrispondenza mill-Ufficjal Kap Ezekuttiv tal-Agenzija Identity Malta, fejn kien hemm suspett illi Khaled Mohamed Zaglut kien ikkommetta bigamija.

L-imputat Zaglut kien mar gewwa d-dipartiment tac-Cittadinanza fis-6 ta' Frar 2018 flimkien mal-mara ta' nazzjonalita' Libjana 'Randa Ali Ammar Elbehilil' sabiex hemmhekk japplikaw ghall-'Freedom of Movement' ta' martu. Meta saru r-ricerki necessarji gie stabbilit illi Zaglut kien diga' rregistrat illi huwa mizzewwg lil Rodianne Galea.

L-ewwel zwieg, dak mas-sinjura Rodianne Galea, kien sehh fit-12 ta' Settembru 2003 (Att taz-Zwieg Numru: 1625/2003), liema zwieg gie rregistrat mar-Registru Pubbliku fis-17 ta' Settembru 2003. Sussegwentament, Zaglut kien gab ic-cittadinanza tieghu fit-22 ta' Jannar 2010 (Certifikat tac-Cittadinanza Maltija Numru:12477) u fil-25 ta' Frar 2010 r-Registru Pubbliku rregistra l-ATT tat-twelid tieghu (ATT tat-Twelid Numru: 667/2010) ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta). Skont l-istess ATT tat-Twelid, Zaglut twieled fi Tripoli gewwa l-Libja nhar l-4 ta' Ottubru 1975.

Madanakollu, minkejja l-fatt illi fuq l-ewwel ATT taz-Zwieg, bin-numru 1625/2003, ma kien hemm ebda annotazzjoni ta' xi sentenza/digriet ta' xi divorzju, Zaglut, fl-20 ta' Dicembru 2017, kien mar gewwa d-dipartiment tar-Registru Pubbliku fejn irregistra zwieg iehor, u cioe, zwieg ma' Randa

Ali Ammar Elbehilil liema zwieg sehh fl-24 ta' Ottubru 2010 gewwa l-Libja (ATT taz-Zwieg Numru: 3683/17).

Sussegwentament, fit-22 ta' Frar 2018 inhareg digriet mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fir-rigward tad-divorzju tal-ewwel zwieg mas-sinjura Rodianne Galea liema digriet gie notifikat lir-Registru Pubbliku sabiex isiru l-annotazzjonijiet mehtiega fuq l-ATT taz-Zwieg in kwistjoni.

Ir-Registru Pubbliku gie mgharraf ukoll illi fil-15 ta' Gunju 2020, inhareg dokument mill-*Misurata First Instance Court* fejn fih hemm indikat illi d-divorzju li seħħ bejn Kahled Mohammed S. Zaglut u Rodianne Galea fl-24 ta' Jannar 2010 fic-Centru Islamiku ta' Malta gie registrat fir-regsitru tal-istess Qorti. Tali dokument huwa sempliciment ittra mahruga minn din il-Qorti u mhux sentenza ta' divorzju mill-Qorti Libjana. Dan jirrizulta ghaliex id-divorzju sehh gewwa Malta minn awtorità li mhux rikonoxxuta bhala awtorita' kompetenti li tista' tippronunzja divorzju gewwa Malta.

L-imputat gie mitkellem mill-pulizija fejn waqt l-istqarrija huwa spjega illi fis-sena 2003 l-ewwel kien izzewweg lil Rodianne Galea gewwa l-Moskeja Rahal Gdid quddiem l-Imam u wara kienu zzewgu bir-rit civili fejn ic-cerimonja kienet saret gewwa s-sala tal-Corinthia, Marsaskala hekk kif hemm indikat fuq ic-certifikat taz-zwieg prezentat minn Amanda Grech a fol 42 tal-process. Zaglut spjega wkoll illi fis-sena 2010 kien rega' mar gewwa l-Moskeja flimkien ma' Rodianne fejn hemmhekk infirdu (Fol 90 u 91 et).

Il-Qorti minnufih taghmel referenza ghal dak li sosstniet id-difiza fin-nota taghha fejn intqal: *"Huwa f'dan l-isfond li l-esponenti ma kien jifdallu ebda għażla oħra għajr li jagħmel dak kollu li huwa legalment rikjest sabiex is-sentenza ta' divorzju fl-ismijiet 'Khaled Mohammed Zaglut u Rodianne Galea' tal-Qorti f'Musrata fil-Libja bir-referenza numru: 216/877 fejn permezz tagħha kien ġie ippronunzjat li l-partijiet kienu ddivorzjaw fl-24 ta' Jannar 2010, tiġi rikonoxxuta u enforzata hawn Malta sabiex b'hekk jiġu nnewtralizzati l-estremi tar-reat tal-bigamija.*

*Di fatti, l-esponenti hekk ħa ħsieb li jagħmel u permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja)[1] nhar id-9 ta' Diċembru 2020 ġiet rikonoxxuta u enforzabbli hawn Malta s-sentenza ta' divorzju fl-ismijiet 'Khaled Mohammed Zaglut u Rodianne Galea' tal-Qorti f'Musrata fil-Libja bir-referenza numru: 216/877 fejn permezz tagħha kien ġie ippronunzjat li l-partijiet kienu ddivorzjaw fl-24 ta' Jannar 2010.*

*Veru-kopja ta' dan id-digriet ġiet esebita in atti mid-difiża fis-seduta miżmuma nhar id-9 ta' Marzu 2021[2].*

*Filwaqt li l-esponenti fl-ebda punt ma nnega li nhar l-24 ta' Ottubru 2010 huwa kien iżżewweġ għat-tieni darba, illum teżisti konferma ċarissima, korroborata bid-digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) ta' nhar id-9 ta' Diċembru 2020, li ma kien jeżisti ebda' żwieġ leġittimu ieħor fis-seħħ u dana stante li d-digriet ta' divorzju*

[1] per Onor. Imħallef Abigail Lofaro.
[2] Folio 100 *et seq* – Dokument mmarkat bħala Dok. KMZ1.

*minn mal-ewwel mara tiegħu Rodianne Galea ta' nhar l-24 ta' Jannar 2010 illum huwa validament rikonoxxut u enforzat hawn Malta."*

Il-Qorti trid tiddeciedi fuq l-imputazzjoni li ghandu l-imputat u filwaqt li se tiehu inkonsiderazzjoni ta' dak li ghamel wara li d-data tal-allegat reat hija ma tistax ma tevalwax il-provi migjuba quddiemha u tiddeciedi dwar jekk l-inngredjenti mehtiega biex jitwettaq ir-reat jezistux jew le.

***XHIEDA***

F'dan il-process xehdu sitt (6) xhieda kif gej:

Spettur Priscilla Caruana Lee (*a fol* 11 et. seq.); Amanda Grech (*a fol* 26 et. seq.); Vincent Sladden (*a fol* 47 et. seq.); Dr. Jessica Rita Galea (*a fol* 51 et. seq.); Imam Mohamed El Sadi (*a fol* 79 et. seq.); Badr Zina (*a fol* 89 et. seq.).

Stante li x-xhieda tinstab traskritta m'hemmx il-bzonn li din tkun riprodotta f'din is-sentenza izda se ssir referenza ghal punti li huma importanti biex ikun trattat u deciz dan il-kaz.

## KONSIDERAZZJONIJIET GENERALI

**<u>Preliminari</u>**[3]

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew *medium* ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn

---

[3] Il-Qorti qeghda tibbaza dan fuq l-ispjega li ta l-kollega l-Magistrat Aaron Bugeja fil-kawza il-**Pulizija vs Joseph Calleja et**. deciza fil-5 ta' Frar 2016

meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidhlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li mhumiex previsti mill-Kodici Kriminali bħala li jistgħu jigu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

F'kull kaz pero', stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk, quddiemha, huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u

sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra, jekk id-difiza tagħżel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz fejn xehed l-imputat, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabilita' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huma principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħġbuna jew ma jogħġbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti. Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjoni prezentata lilha mill-Prosekuzzjoni.

**Apprezzament tax-xhieda**[4]

L-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hi li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu kemm dik diretta, kif ukoll u, a maggior ragione, dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwasluh għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti

[4] Ara spjega dettaljata tal-Imhallef Aaaron Bugeja fl-Appell Kriminali numru 237/2017 Il-**Pulizija vs Massimo Bonello** deciz 6 ta' Frar 2020

kemm fil-veritajiet li jgħid kif ukoll fil- gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita storika mix-xiehda tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta u s-setgħa li tidħol fil- profondita' tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu u qalbu.

Mill-banda l-oħra l-evidenza indiretta, dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi u li tkun bażata fuq l-analiżi taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Ċjoe li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda biss. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip t'evidenza tista' tiżvijja lil Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita.

Il-Liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-sufficjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali imnisla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli stabbiliti tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-***Law of Evidence***. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, in kwantu f'din l- eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat.

Iżda jekk mill-banda l-oħra Qorti tkun teħtieġ prova teknika jew xjentifika u għalhekk tkun teħtieġ ħila jew sengħa speċjali, tkun teħtieġ li tiġi magħmula perizja minn persuni kwalifikati fil-qasam partikolari li tkun tolqot dik il-prova. Fis-sistema penali Malti, mhux ammess li tiġi prodotta xiehda esperta ex parte. Il-periti nominati mill-Qorti, jitħarku bħal xiehda oħra, u huma mistennija li fl-aħħar tal-perizja tagħhom jipproduċu rapport, bil-fomm jew bil- miktub, lill-Qorti li tkun ħatrithom. Dawn ix-xiehda esperti jistgħu jixhdu dwar il-fatti u ċirkostanzi mistħarġa minnhom u li fuqhom ikunu bażaw ir-rapport tagħhom. Konsegwentement, a differenza ta' xiehda oħra, jistgħu jesprimu opinjoni fuq il-materja teknika li għaliha huma jkunu ġew maħtura. Fil-qadi ta' din il-mansjoni, dawn ix-xiehda jridu jaħilfu r-rapport tagħhom u meta jixhdu huma jagħmlu dan bil-ġurament.

Fattur ieħor importanti msemmi fil-Liġi Maltija huwa li meta dawn il-periti, matul ix-xogħol tagħhom ikunu ħadu informazzjoni mingħand persuni oħra fuq ċirkostanzi ta' fatt, dawn il-persuni għandhom jissemmew fir-rapport u

jridu jiġi mismugħin fil-Qorti bħal kull xhud ieħor – dment pero li l-perit ma jkunx semgħa lil dawn ix-xiehda hu stess u bil-ġurament skont dak imsemmi fl- artikoli 650(5) tal-Kodiċi Kriminali. Eċċezzjonalment pero, jekk il- Qorti tħoss il-ħtieġa li dawn ix-xiehda jinstemgħu xorta waħda tista' tordna li jinstemgħu quddiemha. Dan jista' jiġri wkoll fuq talba tal- imputat.

Imbagħad, dik il-Qorti wara li tkun għarblet kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, biex tkun tista' ssib ħtija fl-imputat, il-Qorti tkun trid tkun żgura moralment, sure bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż,[5] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni in bażi għall- provi ammissibbli li jitresqu quddiemha.

Il-grad ta' suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir- raġuni huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridiku Malti sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li ma' jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet. Fil-każ Ingliż Majid,[6] Lord Moses stqarr hekk :

> *Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.*

[5] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[6] ibid.

Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[7] jgħidu s-segwenti :

> *In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.*

Sabiex tara jekk dan il-livell ta' suffiċjenza probatorja intlaħaqx din il-Qorti trid, inter alia, tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is- sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun qiegħed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati.

[7] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l- argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

Biss, kif intqal aktar il-fuq, hija l-Liġi stess li, qabel xejn, tafda dan l-eżerċizzju f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati, u dan peress li l-Qorti tal- Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija setgħet tara u tisma' lix- xiehda jixhdu quddiemha, inkluż setgħet tara u tisma' lill-imputat jixhed. Dan l-eżerċizzju ta' analiżi tax-xiehda tax-xhieda huwa mħolli prinċipalment f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati li tkun rat u semgħet dawn ix-xiehda quddiemha u għalhekk l-eżerċizzju tal-analiżi u apprezzament tal-provi mill-Qorti tal-Maġistrati stess huwa eżerċizzju importanzi ħafna u ghandu jinghata l-piż li jixraqlu.

Kemm dan l-eżerċizzju tal-Qorti tal-Maġistrati huwa meħtieġ, joħroġ ukoll mill-ġurisprudenza Maltija, bħal fil-kawża Il-**Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal- Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Lanqas hu traskurabili l-fatt li l-ewwel Qorti kienet impressjonata bil-mod serju u sod li bih xehdet din Consiglia kif hemm rikordat fis-

sentenza stess. Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara **Powell, On Evidence**, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "*great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived*" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "*he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination*". Ghalhekk, kontra l-imputat hemm oltre dak ti sejjer jinghad, dawn iż-żewġ xhidiet li ma gewx bl-ebda mod żvalorizzati, u li jassodaw pjenament l-imputazzjoni.

**L-ghodda biex tiddeciedi**

Il-Gudikant li jkun se jiddeciedi kif se jaghzel is-sikkrana mill-qamh? It-twegiba nsibuha f'decizjonijiet li taw il-Qrati taghna:

> *Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.*[8]

[8] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - **Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz** fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

F'decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali mogħtija fit-23 ta' Jannar, 2007 fil-kaz **Il-Pulizija *vs* Charles Bianco**[9] l-Imħallef Giannino Caruana Demajo kkummenta dwar meta jkun hemm diskrepanzi fix-xhieda:

> Din il-Qorti kellha okkazjoni tisma' x-xhieda u – ħlief forsi għal ftit ecitament li jħossu xi xhieda meta jsibu ruħhom fl-ambjent ta' awla tal-Qorti, ukoll jekk ikunu familjari ma' dak l-ambjent iżda jkunu qegħdin jixhdu *in rebus suis*, u aktar meta jkunu qegħdin jirrakkontaw episodju li għalihom kien trawmatiku – ma rat xejn "nevrasteniku" jew isteriku fix-xhieda ta' John Bonello. Id-diskrepanzi żgħar bejn ix-xhieda ta' John Bonello u dik tal-Avukat Irene Bonello, li baqgħu għalkemm, kif jgħid l-appellant fir-rikors tiegħu, "żgur kellhom ħafna opportunitajiet li jitkellmu bejniethom dwar il-każ u jfakkru lil xulxin x'gara dakinhar tal-allegat incident", aktar milli sinjal illi x-xhieda ma tistax toqgħod fuqha huma sinjal illi x-xhieda ma kinitx orkestrata, u illi t-tnejn xehdu dak li ftakru u kienu onesti biżżejjed biex ma "jikkorregux" il-verzjonijiet biex igibuhom jaqblu ma' xulxin, għalkemm kellhom okkażjoni jagħmlu hekk u għalkemm setgħu jobsru illi d-diskrepanzi x'aktarx kien sejjer jaqbad magħhom l-appellant biex joħloq argument. Differenzi ta' dettal fil-mod kif xhud jara episodju trawmatiku huma ħaga normali u, sakemm fis-sostanza x-xhieda tkun taqbel, ma jfissrux illi dik ix-xhieda għandha tigi skartata.

[9] Appell Kriminali Numru. 115/2006

Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

> *id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti,* ***<u>billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal- każ:</u>***

**KONSIDERAZZJONIJIET DWAR L-IMPUTAZZJONIJIET**

L-imputat jinsab akkuzat bi ksur ta' Artikolu 196 – Bigamija.

Artikolu 196 tal-Kodici Kriminali jipprovdi li:

> *Min mill-miżżewġin, fil-waqt li jkun iseħħ żwieġ leġittimu, jagħmel żwieġ ieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa erba' snin.*

Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni u cioe dik talli filwaqt li kien fis-sehh zwieg legittimu, ghamel zwieg iehor issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali datata 16 ta' Mejju 1997 fl-ismijiet il-**Pulizija vs Olaf Cini**, il-Qorti per lImhallef Victor Caruana Colombo, qalet:

> *"… f'kaz illi l-ewwel zwieg, ghalkemm jista' jkun legittimu, jkun null, allura ma jkunx hemm lok ghall-protezzjoni tal-familja u tas-socjeta, propju ghaliex dawn ma jkunux gew realment lezi. Konsegwentament, ma tistax tkun -lintenzjoni tal-legislatur li jimponi piena f'kaz illi l-ewwel zwieg ma jkunx validu, f'kaz jigifieri fejn hemm zwieg wiehed biss validu u ghalhekk fi-rrealta m'hemmx bigamija. Ghalhekk propju kif gie ritenut fil-gurisprudenza citata, l-element in kwistjoni tar-reat tal-bigamija, huwa zwieg precedenti validu, mhux biss legittimu."*

Fil-kaz fl-ismijiet Il-**Pulizija (Spettur Peter Paul Zammit) (Spettur Louise Calleja) vs Olaf Cini**[10] kien spjegat:

> I*lli l-artikolu 196 tal-istess Kodici jghid u jispekkja li "Min mill-mizzewgin filwaqt li jkun isehh zwieg legittimu jaghmel zwieg iehor...".*
>
> *[…]*

[10] Magistrat Joseph Apap Bologna fis-seduta tat-13 ta' Novembru, 2012 Numru. 124/1994. Il-kaz kien trattat mill-gdid ghaliex is-sentenza originali kienet annullatta mill-Qorti tal-Appell.

*Illi, meta ghamel dan l-akkuzat ma setax ma jafx anzi kien ben konsapevoli li kien ghadu vinkolat, kif inhu sallum mal-ewwel zwieg tieghu hawn Malta.*

*Illi, mill-premess, jidher li mill-provi prodotti, lprosekuzzjoni pprovat kemm l-element materjali kemm dak intenzjonali li fil-fehma ta' din il-Qorti, hu rikjest, ukoll, fid-delitt ta' bigamija avolja l-artikolu 196 ma jaghmel lebda accenn ghall-"mens rea" li f'dan il-kaz ifisser, persuna li tkun ikkommettiet delitt volontarjament u bl-intenzjoni li trid tikkommetti dak li hu projbit mill-ligi kriminali indipendentement mill-motiv li seta' kellu dak li wettqu.*

L-**Archbold** fil-*Magistrates' Courts Criminal Practice 2020*[11] jitratta l-bigamija fil-Qrati Inglizi fl-**Offences against the Person Act 1861 s.57**. Il-legislatur tar-Renju Unit zied ma' dak li tipprovdi l-ligi Maltija proviso iehor li jipprovdi ghal meta jkun hemm nuqqas ta' kuntatt bejn il-partijiet:

**57.** *Whosoever, being married, shall marry any other person during the life of the former husband or wife, whether the second marriage shall have taken place in England or Ireland or elsewhere, shall be guilty of felony, and being convicted thereof shall be liable to be imprisoned for any term not exceeding seven years…*

*Provided, that nothing in this section contained shall extend to any second marriage contracted elsewhere than in England and Ireland by any other*

[11] Pg 1706-1707

*than a subject of Her Majesty, or to any person marrying a second time whose husband or wife shall have been continually absent from such person for the space of seven years then last past, and shall not have been known by such person to be living within that time, or shall extend to any person who, at the time of such second marriage, shall have been divorced from the bond of the first marriage, or to any person whose former marriage shall have been declared void by the sentence of any court of competent jurisdiction.*

L-**Archbold** jispjega l-elementi tar-reat:

**"Being married"**[12]

The time for determining whether a person was "married" within the meaning of s.57 is the time of the alleged bigamous ceremony. Accordingly, although the marriage which is to be the foundation for a prosecution for bigamy must be a monogamous marriage, since a potentially polygamous marriage may in certain circumstances change its character and become monogamous (e.g. by a change in domicile to a country where monogamy is part of the law, or by a change in the law of the country where the marriage was celebrated), a charge of bigamy is well founded where such a change has occurred by the time of the alleged bigamous ceremony of marriage: *R. v Sagoo*, 61 Cr. App. R. 191, CA.

[12] Para 21-36

The first marriage must be strictly proved by the production of the certificate of the registrar of marriages: *R. v Lindsay*, 66 J.P. 505. The words "or elsewhere" in the statute mean that the marriage can have taken place in any other part of the world. A British subject resident in England is liable to be convicted of bigamy although both marriages were solemnised in Scotland: *R. v Topping* (1856) Dears. 647.

**"Second marriage"**[13]

Where a person, already bound by an existing marriage, goes through with another person a form of marriage known to and recognised by the law as capable of producing a valid marriage, for the purpose of a pretended and fictitious marriage, such person is guilty of bigamy, notwithstanding any special circumstances which, independently of the bigamous character of the marriage, may constitute a legal disability in the parties, or make the form of marriage resorted to inapplicable to their case. Hence, in *R. v Allen* (1872) L.R. 1 C.C.R. 367, a defendant who went through a ceremony of marriage with his wife's niece, whilst his wife was still living was properly found guilty of bigamy, despite the fact that the second marriage would be void for reasons of consanguinity. The

[13] Para **21-37**

validity of the second marriage is immaterial: *R. v Robinson*, 26 Cr. App. R. 129, CCA.

**Seven years' absence**[14]

To establish the defence of seven years' absence provided in the statute, the defendant must not have known at any period during the seven years that the spouse was alive: *CR. v ullen* (1840) 9 C & P. 681.

The defence of seven years' absence of the lawful husband or wife continues to be available in relation to a third or subsequent marriage: *R. v Taylor* [1950] 2 K.B. 368, CCA.

**Archbold** jispjega ukoll dwar difiza li tista' titmexxa 'l quddiem:

An honest belief on reasonable grounds as to the invalidity of a previous marriage, will be a good defence to a charge of bigamy: *R. v King*, 48 Cr. App. R. 17, CCA. An honest and reasonable belief at the time of the second marriage that the first marriage had been dissolved will also be a good defence: *R. v Gould*, 52 Cr. App. R. 152, CA; as will an honest belief on reasonable grounds that the first spouse had died before the second marriage, even though the seven

[14] Para **21-38**

years of continued absence specified in the Act had not expired: *R. v Tolson* (1889) 23 Q.B.D. 168, CCR.[15]

F'dan il-kaz irrizulta li t-tieni zwieg gie ccelebrat meta l-imputat kien diga zzewweg u kien ghadu mizewweg ma' cittadina Maltija. Dan il-fatt jirrizulta mill-provi prodotti. Mid-dokumenti prodotti kif ukoll mix-xhieda ta' **Amanda Grech** bhala ufficjal tar-Registru Pubbliku jirrizulta li l-imputat ikkommetta bigamija meta huwa zzewweg lil Randa Ali Ammar Elbehilil gewwa l-Libja filwaqt illi huwa kien ghadu mizzewweg ma' Galea, liema zwieg gie terminat ufficjalment permezz tas-sentenza ta' divorzju tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) nhar it-22 ta' Frar 2018.

Gie esebit dokument (Fol 90 u 91 et) illi **kien sar divorzju gewwa c-Centru Izlamiku Malta fl-24 ta' Jannar 2010 mill-Imam tac-Centru Izlamiku f'Malta fejn dan ma huwiex rikonoxxut mir-Registru Pubbliku hawn Malta u allura qatt ma jista' wiehed jitratta illi kien hemm divorzju mill-ewwel zwieg. Il-ligi tad-divorzju dahlet fis-sehh gewwa Malta, permezz tal-ATT XIV tas-sena 2011, nhar id-29 ta' Lulju 2011, u ghaldaqstant, kwalunkwe tip ta' divorzju li gie pronunzjat gewwa Malta qabel din id-data, ma jistax ikun li seta' kellu jew ghandu effetti civili gewwa Malta. Jigifieri hawnhekk hawn sitwazzjoni fejn inghatat sentenza ta' divorzju minn centru f'Malta fi zmien meta l-ligi tad-divorzju f'Malta lanqas biss**

[15] Para **21-39**

**kienet ghada dahlet fis-sehh. U biex il-ligi tad-divorzju dahlet pajjizna ghadda minn process shih inkluz referendum u wara dibattitu fil-Parlament fejn ghadda mill-istadji kollha sakemm il-ligi dahlet fis-sehh. Dan huwa fatt serju hafna ghaliex dawn il-Qrati ma jistghux ihallu kazijiet bhal dawn ghaliex joholqu problem serji hafna f'pajjiz mibni fuq is-saltna ta' dritt. Filwaqt li din il-Qorti temmen bi shih fil-ko-ezistenza ta' persuni li jhaddnu twemmin differenti u ghandhom jinghataw l-ispazju kollu biex jaghmlu dan, dan ghandu jirrispetta l-ligijiet ta' dan il-pajjiz li laqghhom fih, l-ligijiet ta' Malta kollha kemm huma.**

Mid-29 ta' Lulju 2011 meta l-ligi tad-divorzju dahlet fis-sehh gewwa Malta, divorzju seta' u jista' jigi biss pronunzjat gewwa Malta skont id-dispozizzjonijiet tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili (Kap. 16), Titolu I, Subtitolu IV. Ghaldaqstant, **id-divorzju pronunzjat mic-Centru Izlamiku ta' Malta nhar l-24 ta' Jannar 2010 la gie pronunzjat fi zmien meta l-ligi tad-divorzju kienet ghadha dahlet fis-sehh u wisq anqas ma gie pronunzjat skont l- Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili (Kap. 16), Titolu I, Subtitolu IV.**

Mill-annotazzjonijiet tal-ATT taz-Zwieg bin-numru 1625/2003, huwa evidenti li d-divorzju bejn l-imputat Zaglut u Rodianne Galea gie pronunzjat gewwa Malta b'mod ufficjali mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) nhar it-22 ta' Frar 2018, u dana skont id-dispozizzjonijiet tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili (Kap. 16), Titolu I, Subtitolu IV.

Mix-xhieda ta' **Amanda Grech** (Fol 26-32) hemm spjegazzjoni cara li divorzju li sehh fil-moskea mhux rikonoxxut f'Malta, *"peress li d-divorzju kien sar fil-moskea, ahna dawk mhumiex Qorti kompetenti, avolja gie registrat fir-records tar-registry tal-Libja, imma kien ibbazat fuq divorzju li kien sar hawn Malta fil-moskea u dak allura ma jistax jigi accettat. Fil-fatt is-Sur Zaglut ghamel id-divorzju kif suppost skont il-ligi fil-Qrati Maltin ukoll"*. Fil-kontro ezami Grech wiegbet *"ghax id-divorzju kien sar wara li sar iz-zwieg; iz-zwieg sar fl-elfejn u ghaxra (2010) u d-divorzju sar fl-elfejn u tmintax (2018)"*.

Ix-xhud **Vincent Sladden**[16] Senior Manager u Head of Unit tar-Registru Pubbliku spjega *"fil-kaz taz-zwieg li sar, biex nghid hekk il-Libja, skuzi fil-kaz tad-divorzju li sari l-Libja permess tal-Qorti biex nghid hekk Izlamika, dak ir-Registru Pubbliku mhuwiex rikonoxxut"*. Din terga tigi ikkonfermata mix-xhieda tal-

L-**Imam Mohamed El Sadi**[17] meta mistoqsi jekk zwieg gewwa l-Islamic Centre jigix rikonoxxut jew le hawn Malta jwiegeb *"Malta does not recognize our marriage contracts or divorce documents"*. Madanakollu, fix-xhieda tieghu, l-istess Imam Mohamed El Sadi irrimarka illi d-dokumenti taz-zwieg u tad-divorzju li jinhargu mic-Centru Izlamiku ta' Malta huma rikonoxxuti f'certi pajjizi, fosthom il-Libja.

[16] Seduta ta' 20 ta' Ottubru 2020
[17] Seduta ta' 12 ta' Novembru 2020

**KONKLUZZJONIJIET**

Il-prosekuzzjoni ibbazat l-argument ewlieni taghha fuq il-fatt li l-imputat Zaglut ikkuntratta t-tieni zwieg tieghu f'data meta l-ewwel zwieg tieghu kien ghadu ma giex xolt b'mod ufficjali gewwa Malta. Dan ghaliex id-divorzju tal-ewwel zwieg gie pronunzjat mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) **nhar it-22 ta' Frar 2018** u ghaliex is-sentenza tad-divorzju li nharget mic-Centru Islamiku ta' Malta f'data li fiha l-ligi tad-divorzju kienet ghadha lanqas dahlet fis-sehh, ma tistax tigi rikonoxxuta gewwa Malta, anke jekk din giet rikonoxxuta minn xi ligi ta' pajjiz iehor.

Il-Qorti hadet nota li fis-7 ta' Dicembru 2020 kien sar rikors kongunt minn Kahled Mohammed S. Zaglut u Rodianne Galea sabiex:

1. *Tirrikonoxxi s-sentenza ta' divorzju fl-ismijiet 'Kahled Mohammed S. Zaglut u Rodianne Galea' tal-Qorti f'Musrata fil-Libja bir-referenza numru 216/877 fejn ippronunzjat li l-partijiet kienu iddivorzjaw fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) u tiddikjara illi l-imsemmija sentenza hija enforzabbli hawn Malta;*

2. *Toħroġ kwalunkwe ċertifikat relattiv ai termini tar-Regolament 1215/2012 EC; u*

3. *Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel dak kollu neċessarju biex l-imsemmija sentenza ta' divorzju tiġi debitament reġistrata fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta";*

Dan ir-rikors gie milqugh fid-9 ta' Dicembru 2020 quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) u t-talbiet gew akkordati fejn l-Avukat tal-Istat, ghan-nom tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, intavola appell mid-decizjoni tal-ewwel Qorti liema appell ghadhu pendenti

1. *L-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħet qatt tilqa' t-talbiet imressqa minn Kahled Mohammed S. Zaglut u Rodianne Galea għaliex ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 44/2001 mhuwiex applikabbli għar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenza in kwistjoni;*
2. *Id-dokument immarkat bħala 'Dok. B', li ġie mehmuż mar-rikors intavolat minn Kahled Mohammed S. Zaglut u Rodianne Galea, u ċioe', is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Musrata fil-Libja, ma jaqax fil-parametri tad-definizzjoni ta' "sentenza" skont l-artikolu 32 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 44/2001;*
3. *Is-sentenza pronunzjata mill-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Musrata fil-Libja fir-rigward ta' Kahled Mohammed S. Zaglut u Rodianne Galea ma tistax tiġi rikonoxxuta u nfurzata f'Malta minħabba r-raġunijiet misjuba fl-artikolu 34, sub-inċiżi (1), (3) u (4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 44/2001;*
4. *Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Numru 1215/2012 mhuwiex applikabbli għar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenza in*

*kwistjoni u konsegwentament l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet żbaljata meta' laqgħet it-tieni talba magħmula fir-rikors ta' Kahled Mohammed S. Zaglut u Rodianne Galea;*

5. *F'kull każ, jekk għall-grazzja tal-argument din l-Onorabbli Qorti tal-Appell jidhrilha li r-raba' aggravju ta' dan l-appell m'għandux jiġi milqugħ, it-tieni talba ta' Kahled Mohammed S. Zaglut u Rodianne Galea ma setgħetx tiġi milqugħa stante li l-Ewwel Onorabbli Qorti m'għandhiex il-kompetenza li tordna l-ħruġ ta' ċertifikat skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Numru 1215/2012.*

Jekk wiehed jara d-definizzjoni ta' Bigamija u L-elementi kollha mehtiega biex tinstab htija dwar bigamija , f' dan il-kaz qed naraw illi l-elementi kollha li huma:

i. *The existence of a previous valid marriage*
ii. *The celebration of another 'marriage' with another person*
iii. *The knowledge of the subsistence of the previous marriage.*

Gew ippruvati fil-grad mehtieg biex tinstab htija fil-kamp kriminali. Fil-kamp kriminali f'pajjizna l-injuranza tal-ligi ma hux difiza ghal min ikun wettaq reat.

**Konsiderazzjonijiet dwar piena**

Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena bhala:

> ***(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence***

Illi allura min hu imsejjah biex jiggudika ma ghandux ihares biss l-interessi tal-persuna kkundannata izda ghandu jara illi ihares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u s-socjeta in generali billi jaghti dik il-piena li ghandha isservi bhala kastig ghal min jikkometti r-reat, li tara li twassal ghat-tnaqqis tal-kummissjoni ta' reati ohra, li tista' twassal ghar-rijabilitazzjoni u r-riforma tal-hati, li taghti il-harsien mehtiega lil pubbliku u li l-hati jaghmel reparazzjoni ghal hazin li jkun ghamel.

Jinghad ukoll li:

> *l-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom*

*juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[18]

Il-Qorti thoss li ghandha tigbed l-attenzjoni biex id-dipartiment relattiv fi ħdan ir-Reġistru Pubbliku meta jirrizultawlu kazijiet bhal dan ghandhom jirrifjutaw tali reġistrazzjoni u jinfurmaw lil min jaghmel it-talba u jiggwidawh dwar dak li tipprovdi l-ligi Maltija biex ma jigrix kif gara f'dan il-kaz li kienet accettata r-registrazzjoni imbaghad wara tingibed l-attenzjoni li kien sar reat ghaliex diga' kien hemm zwieg iehor validu meta kien registrat it-tieni zwieg validu fil-Lbija izda mhux f'pajjizna.

**DECIDE:**

Illi, ghalhekk, a bazi ta' dak premess, l-imputat, minghajr ebda dubbju ghandu jinstab hati tal-istess akkuza. Ghal dawn il-motivi, l-Qorti issib lill-imputat hati talli filwaqt li kien ghadu fis-sehh z-zwieg legittimu tieghu ma' Rodianne Galea, ghamel zwieg iehor, ma' Randa Ali Ammar Elbehilil u dan skont l-artikolu 196 tal-Kodici Kriminali.

In rigward il-piena, l-Qorti ma tistax tinjora l-gravita' tal-kazijiet bhal dawn li jimminaw wiehed mis-sisien tas-socjeta', cjoe l-familja.  Il-Qorti tara li l-imputat jisthoqqlu piena ta' prigunerija fil-parametri tal-ligi u ghalhekk

---

[18] Ref Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

tikkundannah ghal dik ta' erbatax (14)-il xahar prigunerija izda billi l-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz hemm lok li tinghata sentenza sospiza a tenur ta' l- Artikolu 28(A)(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tissospendi t-terminu ghal sentejn b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabbiltà tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

______________________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

Margaret De Battista
Deputat Registratur